MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 381/2006

**Saint James (Capua) Hospital Limited**

**vs**

**Josette Petroni**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u erba' Liri Maltin (LM1,704.00,0), jew somma ohra verjuri, dovuta mill-konvenuta Josette Petroni, prevja dikjarazzjoni, u dan skond l-annessa fattura li hija mmarkata Dok A, u dan in konnessjoni ma' servizzi medici, akkomodazzjoni u spejjez ohra relatati illi saru gewwa l-isptar Saint James (Capua) Hospital Sliema, li jinsab fi Triq Gorg Borg Olivier, tas-Sliema, Malta**

**bejn it-18 u l-24 ta' Frar tas-sena 2006 u dan fuq inkarigu u a beneficcju ta' l-istess konvenuta;**

**Thallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq imsemmija ta' elf, seba' mija u erba' Liri Maltin, (LM1,704.00,0), bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata l-24 ta' Mejju tas-sena 2006 u ta' l-ittra ufficcjali datata 18 ta' Awissu tas-sena 2006 kontra l-konvenuta Josette Petroni li minn issa hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-5 ta' Gunju tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta Josette Petroni.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------